**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 456/2019 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney)**
**vs**
**Kakhaber Lomtadze**

**Illum 8 ta' Jannar, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kakhaber Lomtadze, detentur ta' dokument Pollakk numru RP 7581379.

Akkuzat talli:

1. Fil-granet ta' qabel u wara l-11 ta' Lulju, 2019, f'dawn il-gzejjer fi proceduri kriminali li sehhew nhar il-11 ta' Lulju, 2019 quddiem il-Qorti Kriminali hekk kif preseduta mill-Onorevoli Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., ikkorrompa lill-Marica Bezzina, sabiex taghti xhieda falza, jew taghti tifsir falz f'dawn il-proceduri u dan billi saru weghdi, offerti jew ghoti ta' xi vantagg mhux dovut.

2. Ukoll talli bejn il-15 ta' Lulju u t-23 ta' Lulju, 2019, kiser wahda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet ghal helsien mill-arrest, akkordati lilu mill-Qorti Kriminali, hekk kif preseduta mill-Onorevoli Imhallef Dr. Consuelo Scerri

Herrera LL.D. nhar it-12 ta' Lulju, 2019 liema kundizzjonijiet kienu moghtija lilu kontra depozitu ta' €5,000 u garanzija personali ta' €10,000.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 25 ta' Lulju, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja mmarkata bhala Dok SP, fedina penali mmarkata bhala Dok SP1, fotokopja tal-passaport immarkata bhala Dok SP2, awdjo-vizwali mmarkati bhala Dok SP3, digriet immarkat bhala Dok SP4.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lill-Ispettur Shawn Pawney, Marica Bezzina, PS 430 Andrew St. John, Massimo Caruso.

**Spettur Shawn Pawney**, jghid li kien ta struzzjonijiet lil PS 430 sabiex iqassam riferta lil Kakhaber Lomtadze stante li dan tal-ahhar kien inghata l-helsien mill-arrest mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera mill-Qorti Kriminali. Stante li wahda mill-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja kienet li jghix ma Marica Bezzina gewwa l-Hamrun u meta mar is-surgent sabiex iqassam ir-riferta, dan Lomtadze ma kienx qieghed hemm, saqsa lil Marica Bezzina fejn kien Lomtadze. Marica Bezzina kkonfermat li Lomtadze ma kienx qed jghix imma izda kien hallas €1,200 lil Marica Bezzina sabiex tixhed quddiem il-Qorti u toqghodlu garanti li hu kien se jghix fir-residenza taghha. Hi nghatat €400 qabel ma xehdet mill-mara ta' Lomtadze, certu Marka Kim Moglizev u wara li xehdet, Kakhaber Lomtadze ghadda €800 lil Marica Bezzina. Marica Bezzina tikkonferma li hija kienet xehdet il-falz, ghaliex Kakhaber Lomtadze qatt ma kien se jghix maghha. Il-kuntatt sar meta certu Massimo Caruso li kien qieghed fl-istess divizjoni gewwa l-habs ma Lomtadze ssuggerixxa li Marica Bezzina kapaci tipprovdi ndirizz sabiex Lomtadze jinghata l-bail. Il-mara ta' Lomtadze cemplet lil Marica Bezzina u spjegatilha s-sitwazzjoni. Marica Bezzina tressqet il-Qorti u nghatat sentenza ta' tlett snin probation.

**Marica Bezzina**, tghid li l-partner taghha huwa Massimo Caruso u jinsab il-habs stazzjonat Division 2. Tghid li Massimo kien cemplilha u talabha sabiex prigunier iehor li kien mieghu jaqleb l-indirizz ghal fuq ir-residenza taghha sabiex ikun jista' johrog bil-

bail. Marica ma riditx tghamel dan ghal bidu minhabba li bezghet li kienet se tidhol f'xi basla, izda wara li rega' kellimha Massimo, ikkonvinciet ruhha. Dak inhar li kellha titla' l-Qorti, iltaqghet mal-mara ta' Kakhaber Lomtadze u tatha s-somma ta' €400 u quddiem il-Qorti Marica qalet li Kakhaber Lomtadze kien se jghix maghha l-Hamrun. Ftehmet mieghu li kien se jzomm l-indirizz fuq ir-residenza taghha sa Awwissu. Hija tikkonferma li b'kollox hadet is-somma ta' €1,200 minghand Kakhaber Lomtadze.

**PS 430 Andrew St. John**, jghid li fit-23 ta' Lulju, 2019 ghal habta tal-10:20 a.m. fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Shawn Pawney mar iqassam riferta lil Kakhaber Lomtadze fl-indirizz Tony Age, Flat 3, Triq San Vincenz, Hamrun. Malli habbat mal-bieb, fethet certa Marica Bezzina u PS 430 identifika ruhu maghha bhala surgent tal-pulizija. Is-surgent infurmaha li kien se jiccekkja jekk Kakhaber Lomtadze jghix hemmhekk u hi kkonfermatlu li Kakhaber Lomtadze qatt ma resaq l'hemm. Fuq struzzjonijiet tal-ispettur Shawn Pawney, Marica Bezzina nzammet mill-pulizija u ttiehdet id-Depot. Intalbet ukoll sabiex tnizzel iz-zewg mobiles li kellha. Is-surgent nizel l-Ghassa tal-Hamrun jistenna lil Kakhaber Lomtadze jigi jiffirma l-bail book fejn ghal habta tat-2:45 p.m. nizel ragel minn go taxi mill-bojod bil-krozzi. Hawnhekk, din il-persuna giet arrestata.

**Massimo Caruso**, jghid li xi ftit xhur ilu gie avvicinat minn Kakhaber Lomtadze peress li jghixu fl-istess division minhabba li kellu bzonn indirizz biex jinghata l-bail. Ghalhekk cempel lit-tfajla tieghu Marica Bezzina biex tkun tista' tghid lill-Qorti li Kakhaber Lomtadze kien se jmur jghix maghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li kkorrompa xhud sabiex jixhed il-falz jew jaghti tifsir falz u dan billi saru weghdi, offerti jew ghoti ta' xi vantagg mhux dovut u dan abbazi tar-reat kontemplat fl-Artikolu 102 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ingredjenti essenzjali tar-reat huma tnejn u cioe' (1) li wiehed jikkorrompi xhud sabiex jixhed il-falz fi proceduri civili jew kriminali u (2) li dan ikun akkumpanjat b' theddid, rigali jew weghdiet.

Illi skont ma' qalet l-istess Marica Bezzina l-ewwel persuna li kellimha kien Massimo Caruso permezz ta' telefonata. Dan ta' l-ahhar kien spjegalha dwar dak li kien kelmu l-imputat li ghandu bzonn indirizz halli jkun jista' johrog minn gewwa l-habs. Fil-fatt hija kienet accettat li taghti l-indirizz taghha izda hija qatt ma semmiet li l-imputat kien tkellem maghha dwar il-kaz. Kien biss fil-gurnata li hija kellha tixhed fil-Qorti li mart l-imputat ghaddiet is-somma ta' erbat mitt Euro (EUR400) sabiex tghid li l-imputat kien se jghix fl-indirizz taghha.

Illi minhabba l-fatt li kien hemm il-bzonn li titqassam riferta, irrizulta li l-imputat ma kienx qieghed jghix f'dan l-indirizz ta' Marica Bezzina. Dan ikkonfermatu hi stess u anki kienet tresqet il-Qorti minhabba li kienet tat xhieda falza fejn hija kienet ammettiet l-akkuzi kontra taghha. Illi pero ghandu jinghad li qabel ma' tat ix-xiehda taghha, l-imputat qatt ma resaq lejha u kellima. Il-flus ta' l-ewwel ftehim kienu ghaddew dak-in-nhar li hija xehdet u ghalhekk kienet il-mara tal-imputat li hallset lil Marica Bezzina. Illi mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni minn imkien ma' hareg li l-imputat kien kellem lil mara tieghu sabiex tghaddi s-somma ta' erbat mitt Euro qabel il-kawza. Illi sa dan il-punt ghalkemm isem l-imputat kien issemma minn Massimo Caruso, il-kuntatt qabel ix-xhieda taghha mal-imputat qatt ma' kien hemm. Illi f'dan il-kaz l-akkuza li sehhet qabel id-data tal-11 ta' Gunju 2019 ma tistax tirnexxi fil-konfront tal-imputat ghal raguni li l-unika persuni li resqu biex ikelmuha kienu l-istess Massimo Caruso u l-mara tal-imputat izda qatt ma kien hemm dak il-kuntatt mal-imputat. Ghandu jinghad ukoll li l-istess Marica Bezzina kkonfermat li l-flus ghaddew lilha dak-in-nhar li hija kienet tat ix-xhieda taghha mill-mara tal-imputat.

Illi fix-xhieda tal-istess Marica Bezzina tkompli tikkonferma li l-ewwel darba li ltaqghet mal-imputat kien wara li huwa hareg mill-habs u cioe' wara li hija kienet xehdet fil-Qorti fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2019. Illi ghalhekk f'dan il-kaz il-kwistjoni tirrisolvi ruhha dwar il-fatt jekk wara li sehh il-kaz jistax jitqies li sehhet il-korruzzjoni tax-xhud meta tkun diga xehdet fil-proceduri. Illi ghandu jinghad li f'din il-laqgha il-kliem li qalet l-istess Marica Bezzina kien li l-imputat staqsieha biex ikompli juza l-istess indirizz almenu sal-1 t'Awwissu 2019 izda mhux biex tixhed li huwa se jghix hemm. Dan il-fatt huwa relevanti ghaliex f'dik il-laqgha li semmiet gewwa l-Hamrun huwa diga kien barra u ghalhekk hija diga kienet tat ix-xhieda taghha quddiem il-Qorti. Issa huwa fatt assodat

li Marica Bezzina eventwalment spiccat tixhed fil-kawza bhala xhud in difeza. Illi huwa ovvju ukoll li xhud jista' jigi korrott biss qabel ma jittella' jixhed min-naha jew ohra u mhux wara. Ikun inutili li xhud jigi korrott wara li jkun xehed ghax imbaghad ikun tard wisq. Illi minn dak li qalet Marica Bezzina minn imkien mix-xhieda li tat ma jirrizulta illi l-imputat qalilha biex tixhed falz u kif inghad hawn fuq kien biss Massimo Caruso li kellimha u l-pagament ta' erba' mitt Euro inghata mill-mara tal-imputat qabel ma xehdet u mhux mill-imputat.

Il-Qorti kwindi hija tal-fehma illi ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat b'xi mod ikkorrompa lil Marica Bezzina sabiex hija tixhed il-falz.

**Ksur tal-Kundizzjonijiet tal-Helsien mill-Arrest**

Preliminarjament ghal dak li jirrigwarda l-ksur tal-helsien mill-arrest skont l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jirrizulta mill-atti processwali li l-Ufficjal Prosekutur fil-fatt esebixxa diversi kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Appell Kriminali (ara dok SP4 a fol 32) li jindikaw id-data ta' meta dawn gew imposti fuq l-imputat. Illi fost il-kundizzjonijiet li kellu l-imputat kien li huwa ghandu jirrisjedi gewwa l-indirizz mghoti minn Marica Bezzina fil-Hamrun u dan fost kundizzjonijiet ohrajn li jinsabu fid-digriet. Dawn il-kundizzjonijiet gew kkonfermati wkoll viva voce u bil-gurament tal-Ufficjali tal-Pulizija li kien responsabbli ghall-kaz. Illi l-istess Ufficjal Prosekutur ikkonferma li kienet bdiet l-investigazzjoni minhabba li l-istess Marica Bezzina kkonfermat mal-Pulizija li kienet xehdet il-falz quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kif ukoll li l-imputat qatt ma kien jghix maghha f'dan l-indirizz. Illi mix-xhieda mghotija kemm tal-istess Ufficjal Prosekutur kif ukoll ta' Marica Bezzina ulterjorment jikkonfermaw dan il-ksur tal-kundizzjonijiet impost fuq l-imputat. Ghaldaqstant l-imputat qieghed jinstab hati talli kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kif impost fuqhu mill-Qorti tal-Appell Kriminali u li kienu ghadhom in vigore.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 102(c) u 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibux hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u ghaldaqstant qeghda tilliberah minnha, u ssibu hati tat-tieni (2) imputazzjoni, u tikkundannah ghal perjodu ta' seba' (7) xhur prigunerija effettivi li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel bhala arrest preventiv, u tordna wkoll li l-ammont stabbilit ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000) imposti fuq il-hati permezz ta' digriet datat 12 ta' Lulju 2019 ghandhom jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**